# Triq il-Fatati

*Ta'* Ġużè' Ellul Mercer

MIN jaf min kien li taha dan l-isem; u kemm għaddew mijiet ta' snin u baqgħet dejjem tissejjaħ hekk; sa ma wasal żmienna, u kollox tbiddel u ntesa; u din it-triq bdiet tissejjaħ Triq tas-Sliema?

Tassew li sa ħamsin sena ilu, qabel ma nfetħet it-triq il-ġdida li hemm il-lum, li mix-xatt ta' l-Imsida tieħdok ħdejn il-fabbriki ta' Mamo u ta' Muscat, Triq il-Fatati kienet għadha t-triq ewlenija minn l-Imsida għal San Ġiljan u Tas-Sliema; madankollu ħadd ma kien isejħilha Triq tas-Sliema iżda Triq il-Fatati. Donnu li dan l-isem kien idoqq iżjed ħelu għal widnejn in-nies ta' dak iż-żmien.

Għaliex għandkom tkunu tafu li sa erbgħin sena ilu, il-biċċa l-kbira tan-nies kienet għadha temmen bil-ħarsiijet u bil-waħxi-jiet u bil-fatati; u bħalma kien hawn djar u għorof u mkejjen im-għammrin bil-fatati hekk ukoll kien hawn it-toroq tagħhom; u din kienet waħda minnhom.

Fi tfuliti ħadd ma kien jistaqsi għaliex dit-triq kienu laq-qmuha tal-fatati; u lanqas ħadd ma kien jibża' jgħaddi minnha; la bil-lejl u lanqas bin-nhar. Iżda kulħadd kien jemmen u jifhem li, ladarba ta' qabilna kienu tawha dan l-isem, tabilfors li xi dar-ba kienu jgħaddu minnha jew jidhru fiha l-fatati.

Kemm kienu ħelwin il-fatati u l-ħarsijiet; u kemm kien is-baħ iż-żmien li fih dawn kienu jiġġerrew mat-toroq, fid-dlamijiet fal-lejl jew fid-dawl ta' qamar; jew igħammru f'xi għorfa jew f'xi palazz qadim; u erħilhom jinbxu lil min kien ikollu l-ħila joqgħod lejl sħiħ magħhom, sa ma jgerrxuh, biex ma jiksrilhomx rashom iżjed!

Kemm kienu ħelwin il-ġrajja tagħhom, irrakkontati minn min kien ġarrabhom jew iltaqa' magħhom jew rahom xi darba; kemm kien hawn min kien rahom u ltaqa' magħhom kemm-il darba!

Il-lum kulħadd insiehom—l-aktar fil-bliet—u ħadd iżjed ma għadu jsemmihom; u ħadd iżjed ma jrid jaf bihom. U għaldaqs-tant ħafna minnhom kienu għebu bħalma jgħibu l-għasafar meta jonqoshom l-ilma. Għebu; u marru jfittxu mkejjen oħra, fejn isibu min jaħseb fihom u min irid jaf bihom u min jagħrafhom.

Għaliex, mhux biss il-bnedmin iżda l-ħarsijiet ukoll u l-fatati donnhom jindehxu u jitnaffru u jgħibu meta ħadd iżjed ma jkun ird jaf bihom.

Il-ħarsijiet u l-fatati ta' żmienna trid tħallas il-flus it-tajba biex tarahom, jixxadinjaw fuq xi ħajt imbajjad jew fuq xi liżar wieqaf, bil-mijiet tan-nies bil-qiegħda ma' dwarek, idaħħnu u jedhew u joħolmu ħajja kollha lwien u hena, bħal dik tal-fatati u l-ħarsijiet li mingħalihom ikunu qegħdin jaraw fuq l-imbajjad jew il-liżar li jkollhom biswithom.

Il-ħarsijiet u l-fatati ta' l-imgħoddi kont tarahom bla ma tħallas flus—meta ma kontx iddabbar xi ħaġa minn għandhom ukoll. U kienu isbaħ minn tal-lum. Kienu sbieħ u koroħ daqskemm jista' jkun sabiħ jew ikreh il-ħolm tal-bniedem, li la jista' jitfisser u lanqas jinkiteb jew jiġi mxebbah sewwa wara li jkun għadda u mar—ħolm saħħari, ta' fatati ta' lwien li ma jitfissrux, li jhenni lil dawk ta' xortihom tajba li jarawh, imqar darba biss ma' tul ħajjithom; jew ħolm li jwaħħax, ta' biża' li ma jitfissirx li, ta' kull darba li taħseb fih wara li tkun ħlomtu, jew li ssemmih tħossok tistħajjel li għadda; u tgħaġġeb lil kull min jisimgħek titħaddet fuqu u tfissru!

Kemm kienu tabilħaqq sbieħ iż-żmenijiet li fihom misserijietna kienu jgħixu mal-fatati u mal-ħarsijiet! Kemm kienu isbaħ miż-żmenijiet imdawla, imqajmin u fiergħa tal-lum! Il-fatati li ngħixu magħhom il-lum, meta nidraw bihom, idejquna u jxebbgħuna. Il-fatati ta' l-imgħoddi kienu tabilħaqq sehem mill-ħajja tal-bniedem, li kienet iktar imlewna, inqas tqila u eħfef ħafna minn dik li qed ingħixu aħna, bil-għerf tagħna u bid-dawl ta' tagħlim li ninsabu fih.